DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Ġunju 2010

li tistabbilixxi l-kontribut finanzjarju tal-Unjoni lejn l-infiq li sar fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu fil-ġlieda kontra l-marda tal-bluetongue fi Spanja fl-2004 u fl-2005

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3804)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

(2010/418/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1] u b' mod partikolari l-Artikolu 3(4) tagħha,

Billi:

(1) It-tifqigħ tal-bluetongue seħħ fi Spanja fl-2004 u fl-2005. It-tifqigħa ta' din il-marda pprežentat riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Unjoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/650/KE tat-13 ta' Settembru 2005 dwar għajnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qafas ta' miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-bluetongue fi Spanja fl-2004 u fl-2005 [2] tat kontribut finanzjarju mill-Komunità lil Spanja għall-infiq li sar fil-miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-marda tal-bluetongue fl-2004 u 2005.

(3) Dik id-Deċiżjoni stipulat l-ewwel ħlas ta' EUR 2 500 000 suġġett għar-riżultati tal-ispezzjonijiet *in situ* tal-Kummissjoni.

(4) Skont l-Artikolu 6(2) ta' dik id-deċiżjoni, il-bilanċ tal-kontribut finanzjarju tal-Unjoni jrid jitħallas abbażi tal-applikazzjoni mressqa f'limitu ta' 60 ġurnata wara d-Deċiżjoni. Spanja ressqet l-applikazzjoni fil-11 ta' Novembru 2005.

(5) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2005/650/KE, il-bilanċ tal-kontribut finanzjarju tal-Unjoni issa għandu jiġi ffissat permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li għandha tiġi adottata skont il-proċedura tal-Artikolu 40 tad-Deċiżjoni 2009/470/KE.

(6) Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 2005/650/KE u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-kontributi finanzjarji tal-Unjoni wrew li l-ammont kollu tal-infiq mibgħut ma jistax jiġi rikonoxxut bħala eliġibbli.

(7) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lil Spanja f'ittra bid-data tal-1 ta' Lulju 2009.

(8) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ammont totali tal-kontribut finanzjarju tal-Unjoni lejn in-nefqa eliġibbli li saret għall-qerda u s-sorveljanza tal-marda tal-bluetongue fi Spanja fl-2004 u l-2005 issa għandu jiġi ffissat.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribut finanzjarju mill-Unjoni lil Spanja

Il-kontribut finanzjarju totali tal-Komunità lejn in-nefqa li hija assoċjata mal-eradikazzjoni tal-marda tal-bluetongue fi Spanja fl-2004 u fl-2005 skont id-Deċiżjoni 2005/650/KE huwa ffissat għal EUR 2 850 183,00.

Artikolu 2

Arranġamenti għall-ħlas

Il-bilanċ tal-kontribut finanzjarju tal-Unjoni huwa ffissat għal EUR 350 183,00.

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
[2] ĠU L 238, 15.9.2005, p. 19.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni